- *HSARA F'CABLE –*
- *DANNI EX DELICTO –*
- *ART. 1032 U 1033 TAL-KAP 16 –*
- *ASSUNZJONI TA' HLAS TA' HSARA -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, it-28 ta' Frar 2002**

**Kawza Numru: 28**
**Citazzjoni Numru: 2420/97/RCP**

**Korporazzjoni Enemalta.**

**vs**

**C & F Building Contractors Limited.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fit-2 ta' Dicembru 1994 waqt li s-socjeta` konvenuta kienet qieghda taghmel xoghlijiet f'Hal Far laqtet u ghamlet hsara f'cable proprjeta` tal-Korporazzjoni attrici.

Illi bhala konsegwenza ta' dan l-incident il-Korporazzjoni attrici soffriet danni ammontanti ghal elfejn tmien mija u wiehed u sittin lira u tnejn u tmenin centezmu (Lm2,861.82).

Illi l-imsemmi incident gara minhabba imperizja u traskuragini da parte ta' l-istess socjeta` konvenuta.

Illi permezz ta' dikjarazzjoni iffirmata fit-2 ta' Dicembru 1994 l-istess socjeta` konvenuta ddikjarat li lesta taghmel tajjeb ghall-hsara sofferta mill-korporazzjoni attrici bhala konsegwenza ta' dan l-incident.

Illi s-socjeta` konvenuta giet interpellata sabiex thallas l-imsemmija somma izda baqghet inadempjenti.

Illi ghalhekk s-socjeta` attrici talbet sabiex is-socjeta` konvenuta tghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :-

(1) Tiddikjara lill-istess socjeta` konvenuta responsabbli ghad-danni sofferti mill-Korporazzjoni attrici fit-2 ta' Dicembru 1994 meta l-istess socjeta` konvenuta laqtet cable proprjeta` tal-Korporazzjoni attrici liema cable jinsab Hal Far.

(2) Tikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta thallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' elfejn tmien mija u wiehed u sittin lira u tnejn u tmenin centezmu (Lm2,861.82) rapprezentanti danni sofferti mill-Korporazzjoni attrici bhala konsegwenza tal-imsemmi ncident.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tad-9 ta' Settembru 1996 u 28 ta' Frar 1997 u bl-interessi legali u bis-subizzjoni tal-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni attrici u l-lista tax-xhieda a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat id-dokument esebit a fol.5 tal-process.

Rat li s-socjeta` konvenuta notifikata fis-27 ta' Mejju 1998 ma pprezentat l-ebda nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqghet kontumaci.

Rat il-verbali tas-16 ta' Gunju 1998, 18 ta' Novembru 1998, 11 ta' Jannar 1999, 11 ta' Marzu 1999, 6 ta' Mejju 1999, 13 ta' Mejju 1999, 7 ta' Lulju 1999, 24 ta' Novembru 1999, 11 ta' Jannar 2000, 22 ta' Frar 2000, 6 ta' April 2000, 14 ta' Gunju 2000, 1 ta' Novembru 2000, 10 ta' Jannar 2001, 8 ta' Marzu 2001, 1 ta' Gunju 2001, 14 ta' Gunju 2001 u 15 ta' Novembru 2001.

Rat in-nota datata 18 ta' Novembru 1998 u d-dokumenti esebiti.

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta tat-13 ta' Mejju 1998 u d-dokumenti esebiti.

Rat id-decizjoni tat-13 ta' Mejju 1999 fejn iddikjarat li n-notifika tac-citazzjoni attrici ma saritx fir-*registered address* tal-istess socjeta` u ghalhekk tali notifika giet dikjarata bhala nulla u bla effett u ghalhekk l-istess socjeta` konvenuta inghatat il-fakolta` tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha *ai termini* tal-ligi, u l-kawza giet differita ghas-7 ta' Lulju 1999.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli u x-xhieda ta' Silvio Decelis tat-18 ta' Novembru 1998; John Vella tas-6 ta' Jannar 1999; l-Ispettur Angelo Baldacchino tat-12 ta' Frar 1999; is-Surgent Alfred Mallia u l-Inginier Phyllis Borg tat-30 ta' Novembru 1999 ; ta' Phyllis Borg tal-15 ta' Frar 2000.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta fejn gie eccepit:

(1) Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-korporazzjoni attrici stante illi ghall-incident in kwistjoni u ghall-konsegwenzjali danni s-socjeta` konvenuta ma kellha l-ebda htija kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

(2) Salvi kull eccezzjoni ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni ta' Frank Schembri ghan-nom tas-socjeta` konvenuta a fol. 48 u 49 tal-process.

Rat ir-rikors tas-26 ta' Gunju 2001; id-digriet tal-20 ta' Gunju 2001, in-nota tas-socjeta` konvenuta tas-26 ta' Gunju 2001, u d-digriet tat-2 ta' Lulju 2001.

Rat il-verbal tal-15 ta' Novembru 2001 fejn Dr. Christian Farrugia ghan-nom tas-socjeta` konvenuta nforma lill-Qorti li kkomunika diversi drabi mas-socjeta` konvenuta biex isiru l-affidavits u biex jottepera ruhu mad-digriet tat-2 ta' Lulju 2001 izda ma rcieva l-ebda risposta mis-socjeta` konvenuta, u ghalhekk il-Qorti ddikjarat il-provi tas-socjeta` konvenuta maghluqa definittivament, u halliet il-kawza ghas-sentenza ghat-28 ta' Frar 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din hija kawza fejn l-Korporazzjoni attrici qed issostni li s-socjeta` konvenuta fit-2 ta' Dicembru 1994 laqtet cable taghha waqt li hija kienet qed taghmel ix-xoghol ta' thaffir f'Hal Far u ikkagunat hsara fl-istess cable ammontanti ghas-somma ta' Lm2,861.82.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta bla ebda dubju kwalunkwe li s-socjeta` konvenuta, tramite il-haddiema taghha, kienet

f'dik il-gurnata ndikata fic-citazzjoni attrici taghmel xoghlijiet ta' thaffir fl-impjant taghha f'Hal Far, u kienu haddiema tal-istess socjeta` konvenuta li kienu qed jaghmlu tali xoghlijiet, u jirrizulta wkoll li waqt li kien qed isir l-istess thaffir intlaqat il-cable mertu tal-kawza odjerna, u dan kif jirrizulta mix-xhieda tal-Ispettur Angelo Baldacchino, ta' John Vella, *technical Officer* mal-Korporazzjoni attrici, mill-Inginier Phyllis Borg li kienet prezenti meta sar it-tiswijiet tal-istess cable, u is-Surgent Alfred Mallia li apparti li ra l-istess hsara kellem lil Frank Schembri, direttur tas-socjeta` konvenuta wara li inqala' l-incident u sahanistra dan irrillaxxa dikjarazzjoni fejn ghan-nom tal-istess socjeta` konvenuta iffirma d-dikjarazzjoni datata 2 ta' Dicembru 1994 li tinsab a fol. 14 tal-process li tghid is-segwenti:-

*"Jiena Frank Schembri, direttur ta' C & F Building Contractor Ltd, niddikjara li lest naghmel tajjeb ghall-hsara li saret illum 2.12.94, f'33 KV cable f'Hal Far Road, Hal Far. Ghad-danni tal-Enemalta Corporation".*

Illi fil-fatt mill-provi prodotti ma jirrizultax li bhala fatt huwa kkontestat li dan il-cable intalqat mis-socjeta` konvenuta, anzi mill-istess provi kollha hemm indikazzjoni cara li tali cable in verita` intlaqat u saritlu hsara mill-istess socjeta` konvenuta, u kien ghalhekk li l-istess direttur tas-socjeta` konvenuta assuma ir-responsabilita` ghan-nom tas-socjeta` konvenuta li jaghmel tajjeb ghall-istess hsarat.

Illi dan ma jfissirx pero` li l-istess skrittura tammonta ghal determinazzjoni ta' responsabilita` fil-kawza odjerna, u din il-Qorti ghalhekk ghandha xorta tindaga jekk l-istess

socjeta` konvenuta hijiex responsabbli ghad-danni kkawzati *ai termini* tal-premessi tac-citazzjoni attrici, stante li l-kawza odjerna ma hijiex ibbazata fuq l-obbligazzjoni naxxenti mill-istess skrittura privata, izda fuq l-istitut ta' delitt f'natura civili skond **l-artikolu 1033 tal-Kap 16** li jipprovdi li:-

*"Kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mill-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba hekk".*

Illi l-**artikolu 1032 (1) tal-Kap 16** jipprovdi wkoll li:-

*"Jitqies fi htija min bl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja".*

Illi jneffetti ma hemm l-ebda dubju li c-citazzjoni attrici hija mibnija u mposta fuq dawn il-binarji tant li fit-tielet (3) paragrafu tac-citazzojni attrici jinghad li "*l-imsemmi incident gara minhabba mperizja u traskuragini ta' l-istess socjeta` konvenuta"* u ghalhekk l-istess kawza odjerna ma hijex ibbazata l-assunzjoni ta' l-obbligu mis-socjeta` konvenuta li taghmel tajjeb ghall-hsara tal-korporazzjoni attrici, izda azzjoni ta' danni *sic et simpliciter.*

Illi dan ma jfissirx li tali dikjarazzjoni tas-socjeta` konvenuta tramite ir-rapprezentant taghha Frank Schembri ma ghandha l-ebda valur probatorju, ghaliex invece tali dikjarazzjoni hija indizzju ghad-determinazzjoni ta'

responsabilita` tas-socjeta` konvenuta fil-kaz in ezami, anke ghaliex huwa logiku li jinghad li tali assunzjoni ta' obbligazzjoni da parte tas-socjeta` konvenuta li taghmel tajjeb ghall-hsara sofferta mill-korporazzjoni attrici, normalment ma ssirx minn persuni li ma jkollomx x'jaqsmu jew li jhossu li ma humiex responsabbli ghall-incident; izda l-valur probatorju tal-istess hija bhal kull prova ohra li titfa' dawl fuq il-kwistjoni ta' responsabilita` ghall-istess incident u d-determinazzjoni tad-diligenza uzata fil-hsara sofferta f'dan l-incident.

Illi stabbilit il-premess, jirrizulta anke mix-xhieda ta' John Vella, *Technical Officer* tal-Korporazzjoni attrici, li s-socjeta` konvenuta qabel ma bdiet thaffer ma talbitx il-permess lill-awtoritajiet kompetenti, u fil-fatt l-istess korporazzjoni attrici ma giet informata bl-ebda applikazzjoni, li l-iskop taghha li tigi notifikata lilhom hija sabiex l-istess korporazzjoni tkun tista' tindika lill-applikant il-posizzjoni tal-*cables* sabiex dawn ma jintlaqtux.

Illi l-argument li l-istess cable li intlaqat kien proprju fis-sit fejn illum hemm il-fabbrika tas-socjeta` konvenuta f'dan il-kaz ma jreggiex stante li jirrizulta li l-istess socjeta` konvenuta kienet qed tokkupa art li qabel kienet tal-Gvern u li fiha kien hemm ukoll toroq qodma, li llum ma ghadhomx jigu uzati, inkluz il-cable mertu tal-kawza odjerna li jkompli anke fit-triq u ghalhekk l-istess socjeta` konvenuta kienet konxja ta' dan il-fatt ferm qabel ma sar ix-xoghol in kwistjoni, u jekk ma kienitx taf b'dan messa indagat dwar il-posizzjoni taghha.

Illi dan pero` bl-ebda mod ma jezonera lill-istess socjeta` konvenuta milli tottjeni l-permess relattiv tat-thaffir u taghti pre-avviz lill-korporazzjoni attrici sabiex jigi indikat lilha l-*cables* ezistenti, u l-istess socjeta` attrici dejjem ghandha l-obbligu li ma taghmilx hsara lill-porprjeta` ta' haddiehor, inkluz l-istess *cables* li jidhru li kienu ilhom hemm installati in parte fil-proprjeta` tal-istess socjeta` konvenuta, anke qabel mal-istess proprjeta` kienet giet akkwistata mill-istess socjeta` konvenuta. Dan huwa iktar gravi f'kaz ta' kuntratturi bhas-socjeta` konvenuta li jafu jew ahjar messhom jafu l-procedura li ghandhom jaddottaw qabel ma jsir thaffir, specjalment f'sit bhal dan proprjeta` taghhom.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti, fil-kaz *de quo* tali nuqqas da parte tas-socjeta` konvenuta kien fatali ghaliha u r-raguni diretta ghaliex saret il-hsara fil-proprjeta` tal-korporazzjoni attrici, stante li t-thaffir sar minghajr qabel ma saret indagini bizzejjed sabiex jigi stabbilit jekk bl-istess thaffir kienetx ser issir hsara lill-proprjeta` ta' haddiehor, u dan fl-opinjoni ta' din il-Qorti jammonta ghan-negligenza da parte tal-istess socjeta` konvenuta, liema nuqqas ta' responsabilita` waslet ghall-assunzjoni ta' obbligazjoni da parte tad-direttur tas-socjeta` konvenuta li jassumi nomine l-obbligazzjoni li jhallas id-danni kkagunati bl-istess att tas-socjeta` konvenuta.

Illi l-argument li l-istess Frank Schembri ma kienx jaf x'qed jiffirma ma jirrizultax fondat, u dan kif jirrizulta car mix-xhieda tas-Surgent Alfred Mallia tat-30 ta' Novembru 1999,

mill-liema deposizzjoni jidher car li l-istess firmatarju tal-imsemmija dikjarazzjoni tat-2 ta' Dicembru 1994 kien ben konxju ta' dak li kien qed jiffirma ghalih, li ghalkemm ma twassalx *ut sic* ghad-determinazzjoni ta' din il-kawza, qed tittiehed bhala wahda mill-provi ghad-determinazzjoni tat-talbiet attrici, din il-Qorti spinta mill-fatt li mhux normali li xi hadd jassumi li jhallas ta' hsara li ma jhossx li huwa repsonsabbli ghaliha.

Illi ghalhekk fl-isfond tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

**III. <u>AMMONT TA' DANNI.</u>**

Illi d-danni reklamati fl-ammont ta' Lm2,861.82 jinsabu sostanzjati mid-dokument "SD1" esebit a fol.11 tal-process, u gie kkonfermat minn Silvio Decelis, *Adminsitrative Officer* tal-korporazzjoni Enemalta, minn John Vella, *technical officer,* u mill-Inginier Phyllis Borg, u ghalhekk jidher li l-istess ammont ta' danni pretiz mill-istess entita` attrici gew ilkoll pruvati u sostanzjati li graw rizultat tal-incident in kwistjoni, u ghalhekk l-istess talbiet attrici ghandhom jigu milqugha fl-istess ammont.

**<u>IV. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara lill-istess socjeta` konvenuta responsabbli ghad-danni sofferti mill-Korporazzjoni attrici fit-2 ta' Dicembru 1994 meta l-istess socjeta` konvenuta laqtet cable proprjeta` tal-Korporazzjoni attrici liema cable jinsab Hal Far.

(2) Tikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta thallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' elfejn tmien mija u wiehed u sittin lira u tnejn u tmenin centezmu (Lm2,861.82) rapprezentanti danni sofferti mill-Korporazzjoni attrici bhala konsegwenza tal-imsemmi ncident.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tad-9 ta' Settembru 1996 u 28 ta' Frar 1997 u bl-interessi legali mid-data tat-28 ta' Frar 1997 sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta` konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**28 ta' Frar 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**28 ta' Frar 2002.**